**L-arti storika tal-falkunerija tirxoxta ma' l-ewwel grupp ta' falkuniera fil-proċess ta' kwalifikazzjoni għal-liċenzja**

Il-falkunerija hija prattika tradizzjonali li tmur lura numru ta' sekli. Din l-arti tinkludi numru ta' attivitajiet relatati mat-trobbija, it-taħriġ u titjir ta' għasafar tal-priża, inkluż il-kaċċa għal-speċi kaċċabli bil-falkun.

Għalkemm il-falkunerija f'Malta kienet ilha tiġi pprattikata għal millenji, sad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti ġodda ma kien hemm ebda dispożizzjoni fil-qafas legali li speċifikament taħseb u tirregola l-attivitajiet varji li tinkludi l-arti tal-falkunerija. Biex terġa tingħata il-ħajja it-tradizzjoni twila tal-falkunerija u r-rikonoxximent legali li jixirqilha taħt il-liġi Maltija, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi organizzat konsultazzjonijiiet fuq l-abbozz tal-liġi li saru ma' diversi għaqdiet volontarji relatati mal-għasafar tal-priża kif ukoll ma NGOs u esperti indipendenti. F'Lulju tal-2016 ġew ippublikati ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija): L.S. 549.106.

L-għanijiet ewlenin ta' dawn ir-Regolamenti huma li jiġi pprovdut qafas regolatorju xieraq għall-attività tal-falkunerija f'Malta, kif ukoll jiġi żgurat illi dan id-delizzju jiġi regolat b'mod li jiġu permessi l-attivitajiet differenti li tinkludi din l-arti kif ukoll li tiżgura li l-attività tal-falkunerija tiġi pprattikata strettament skont il-liġi nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea u l-liġi internazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi. F'dan ir-rigward, ir-regolamenti ġodda jistabbilixxu dispożizzjonijiet ċari dwar prattiċi permessi fil-falkunerija, kif ukoll jinfurzaw il-ħtieġa għal-liċenzja tal-falkunerija għal min hu interessat iżomm u jtajjar speċi ta' falkuni għal l-iskop ta' taħriġ, wiri ta' titjir jew għat-teħid ta' speċi kaċċabli. Grazzi għall-informazzjoni dettaljata li hemm f'dawn ir-regolamenti, il-falkuniera se jkunu jistgħu jipprattikaw l-arti tal-falkunerija b'moħħhom mistrieħ. Persuni li huma mħajjra jipprattikaw din l-attività għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet stabilliti f'regolament 4 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) L.S. 549.106 u jgħaddu mill-eżamijiet neċessarji. L-eżami tal-falkunerija huwa maqsum f'żewġ fażijiet prinċipali:

- L-eżami prattiku li jsir mill-għaqdiet tal-falkunerija taħt is-superviżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.
- L-eżami bil-miktub dwar ir-Regolamenti tal-2016 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) (S.L. 549.106) u l-identifikazzjoni tal-għasafar.

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi stabbilixxiet u wettqet l-eżamijiet prattiċi għall-ewwel grupp ta' applikanti, b'kollaborazzjoni mal-klabbs rispettivi tagħhom. Erbgħa u għoxrin applikant issa huma fil-proċess li jiksbu il-liċenzja tal-falkunerija għall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta.





Rappreżentanti tal-Malta Falconers Club u Fredericus Rex Malta Falconers jevalwaw l-applikanti rispettivi, taħt is-superviżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

Għal aktar informazzjoni, inkluż l-applikazzjoni u gwida ġenerali ta' kif għandek tapplika, żur is-sit elettroniku http://msdec.gov.mt/en/Pages/WBRU/Licenses.aspx